MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 379/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Xuereb**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Xuereb, imwieled fl-1 ta' Jannar 1979, bin Romeo u Mary nee Borg, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 347179M, talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' April 2003 u fix-xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda (**1**) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (*ecstasy*) bi ksur tal-ligi, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu, (**2**) forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, (**3**) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, (**4**) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda

mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-ligi, u (**5**) ikkommetta dawn ir-reati gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, *club*, jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Jason Xuereb hati skond l-imputazzjonijiet **1** sa **4**, kif ukoll hati skond il-hames imputazzjoni (b’dan, pero`, li l-aggravju tad-distanza jirreferi biss ghall-ewwel imputazzjoni) u bl-assorbiment tat-tielet fit-tieni imputazzjoni; u kkundannatu ghall-piena ta’ erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-istess Xuereb ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz, u multa ta’ elfejn Ewro (€2,000) li tista’ tithallas b’rata ta’ mitt Ewro fix-xahar (jekk ma jithallasx xi pagament il-bilanc ikun dovut f’daqqa, u jekk ma tithallasx xi parti mill-multa tali parti tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux); il-hati gie kkundannat ukoll ihallas l-ispejjez peritali konnessi mal-hatra tal-A.I.C. Richard Aquilina ammontanti ghas-somma ta’ €102.79; dik il-qorti ordnat li jinghataw lura lill-hati l-flus li kienu ngabru minn ghandu “minhabba li ma kienx ippruvat b’mod car li dawn kellhom x’jaqsmu ma’ bejgh ta’ droga”; u finalment il-Qorti Inferjuri ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-registratur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Jason Xuereb, minnu pprezentat fit-23 ta’ Dicembru 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens illi huwa jigi ddikjarat mhux hati tal-hames imputazzjoni – cioe` tal-aggravju tad-distanza – u li jkun hemm varjazzjoni fil-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2009; semghet ukoll f’dik l-udjenza lix-xhud in difesa Jean Cali`; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa fis-sens li hu ma kellux jinstab hati tal-aggravju tad-distanza, kontemplat fit-tieni *proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kap. 31, peress illi hu gie intercettat bil-pilloli *ecstasy* “bil-lejl u

cioe` fit-8.30 pm fil-hin meta l-iskola tkun maghluqa u t-tfal ma jkunux hemm…”. Skond l-appellant “l-iskop tal-ligi hija l-protezzjoni taz-zghazagh mhux ta’ l-edificcju. Ghalhekk...la darba f’dak il-hin ma kienx hemm zghazagh qed jiltaqghu, edificju per se minghajr il-presenza taghhom ma jissodisfax l-elementi rikjesti mill-ligi ghal dan l-aggravju [tad-distanza].”

Dan l-aggravju hu infondat. Meta l-legislatur ipprovda li r-reat ikun aggravat (fis-sens li l-piena tizdied bi grad) jekk isir *“fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’, skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh…”* huwa kien qed jipprovdi ghal kriterju oggettiv u determinat biss mid-distanza [1] proprju ghax il-postijiet imsemmija huma tali li lejhom jew qribhom tfal u zghazagh itendu li jiggravitaw indipendentement mill-hin tal-gurnata jew mill-jum tal-gimgha, u indipendentement minn jekk l-iskola, *club*, centru ecc. ikunx dak il-hin miftuh jew maghluq. Din id-disposizzjoni hekk dejjem giet interpretata, u hekk korrettement interpretatha u applikatha l-ewwel qorti fis-sentenza appellata. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti:

**“Imkien fil-proviso m’hemm xi indikazzjonijiet ta’ hinijiet jew jiem. Lanqas ma tidher fil-proviso xi referenza ghal xi htiega ta’ xi intenzjoni specifika – jigifieri li wiehed ikun jaf jew deliberatament mar – hdejn skola. Il-proviso huwa redatt f’termini assoluti u interpretazzjoni flessibbli tmur kontra l-ispina dorsali tal-Kapi 31 u 101 li huma intizi biex ikunu ta’ deterrent ghal min jipprova jazzarda jitraffika d-droga.”**

It-tieni aggravju huwa dwar il-piena. L-appellant jilmenta li l-Atikolu 29 tal-Kap. 101 – li hu applikabbli ghall-Kap. 31 – kellu jigi applikat bit-tnaqqis ta’ zewg gradi ghax hu *“…ghen lill-pulizija biex jaqbdu mhux wiehed imma zewg persuni li pprovdewh bid-droga…”*. Jilmenta wkoll minn kemm dam ghaddej il-process kontra tieghu, u li nel frattemp huwa ghamel b’success kors ta’ riabilitazzjoni

[1] Distanza li tigi kalkolata f’linja dritta mic-centru ta’ kwalunkwe punt fic-cirkonferenza – ara s-sentenza ta’ din il-Qorti, kolleggjalment komposta, tas-27 ta’ Ottubru 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Emmanuela Brincat**.

mill-problema tad-droga li huwa kellu, kif jixhed id-dokument GCC ezibit a fol. 162 tal-atti. Jghid ukoll li llum ghandu xoghol ta' *electrician*, u jaghmel referenza ghal sentenzi ohra fejn il-piena li nghatat kienet wahda anqas minn dik li huwa gie kkundannat ghaliha.

Jibda biex jinghad li anke li kieku kien minnu li huwa ghen biex jinqabdu tnejn minn nies – il-verbal a fol. 151 isemmi li persuna wahda, mit-tnejn li l-appellant semma', giet investigata – huwa dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti jekk it-tnaqqis ghandux ikun ta' grad wiehed jew tnejn. Kwantu ghaz-zmien li hadu dawn il-proceduri quddiem l-ewwel qorti, din il-Qorti ma tistax hlief tirrimarka li sas-26 ta' Settembru 2005 il-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-kaz taghha, u z-zmien kollu ta' wara – cioe` sas-sentenza appellata – ittiehed mill-appellant biex bl-istillicidju iressaq il-ftit provi tieghu. Terga' w tghid, f'dan il-kaz, minkejja provi skjaccanti li kellha l-prosekuzzjoni, l-appellant, allura imputat, ghazel – <u>kif kellu kull dritt li jaghmel</u> – li jikkontesta kollox u jhalli l-prosekuzzjoni ggib il-provi kollha, inkluzi dawk permezz ta' esperti. Kif din il-Qorti kellha gja` l-okkazjoni li tirrimarka fis-sentenza taghha tas-17 ta' April 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Cilia**,

**"Mhux kompitu ta' din il-Qorti li taghti pariri, izda ma tistax ma tosservax li spiss qed tiltaqa' ma' kazijiet ta' abbuz ta' droga fejn, fid-dawl tal-provi li jkollha f'idejha l-prosekuzzjoni, wiehed kien jistenna li jkun hemm ammissjoni fi stadju inizjali tal-proceduri. Minflok, ghal xi raguni, l-imputat jibqa' jgebbed, itawwal u jipprokrastina, u meta finalment ikun hemm l-inevitabbli – piena karceraja – joqghod jilmenta mill-piena. F'kazijiet bhal dawn il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali, u din il-Qorti in partikolari, ma jistghux iharsu favorevolment lejn talbiet ghar-riduzzjoni jew varjazzjoni tal-piena li tkun giet erogata. Il-Qorti taghmilha cara li dan qed jinghad mhux fir-rigward tal-kaz li ghandha quddiemha llum, izda b'mod generali."**

Kif jinghad, paraguni ma' kazijiet ohrajn huma odjuzi, ghax kull kaz ikollu l-fattispeci partikolari tieghu. Kif gie rimarkat minn din il-Qorti, kolleggjalment komposta, fis-sentenza

tas-26 ta’ Frar 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Carmen Butler**, *“…it must always be remembered that sentencing is an art rather than a science.”* Minn ezami tas-sentenza appellata jidher car li l-ewwel qorti ghamlet analizi minuzjuza u dettaljata tac-cirkostanzi partikolari kollha ta’ dan il-kaz, u hadet il-briga li addirittura telenka ic-cirkostanzi kemm negattivi kif ukoll pozittivi tal-kaz li jincidu fuq il-piena. Din il-Qorti ma tista’ ssib xejn x’ticcensura fl-operat ta’ l-ewwel qorti anke ghal dak li jirrigwarda l-piena erogata. L-appellant ghandu jiftakar li l-piena massima karcerarja applikabbli ghar-reati kollha li taghhom huwa nstab hati kienet teccedi, minhabba l-konkors tar-reati u l-kontinwat, l-ghaxar snin.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------